# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 10 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs.**

**Charlton Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Charlton Fenech ta' 18-il sena, iben Carmel u Rosanna nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Novembru, 1989, li joqghod fil-fond Michelou, Flat 5, Triq il-Bilbel, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 537589M.

Akkuzat talli:

1. Nhar it-13 t'Awwissu, 2008, matul il-lejl, waqt li kien gewwa l-fond Assisi Court, Flat 3, Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq t'oggetti fosthom flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37c), bil-hin, bil-lok u kif ukoll bil-persuna, u li sar ghad-detriment ta' Kinga Maria Bachlaj u/jew ta' persuni ohra.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Frar, 2010 (fol 41 tal-process), fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 261(c), (d), (e), u (f), 267, 268(b), 269(g), 270, 279(a), 280(1), 281(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2010 (fol. 40 tal-process) l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal proceduri odjerni huma s-segwenti

1. L-imputat kien qed jghix mal-partner tieghu ta' nazzjonalita Bulgara bl-isem Nivellina Cassar, u ma' habiba tal-partner tieghu, Kingha Maria Bahlai, ta' nazzjonalita Pollakka, go appartament gewwa San Pawl il-Bahar.
2. Fl-14 t'Awwissu 2008, Kingha Maria Bahlai ghamlet rapport lill-Pulizija li minn gewwa l-fond fejn kienet toqghod kienu insterqulha €2050 flus kontanti kif ukoll laptop tal-marka Sony. Hija irrapurtat ukoll li indunat li l-hbieb taghha, l-imputat u l-partner tieghu, kienu telqu mill-appartament, ghax l-affarijiet personali tal-habiba taghha ma kienux ghadhom hemm.
3. Il-Pulizija cemplu lill-imputat, investigawh u hadulu stqarrija.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Htija

*Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Ghalkemm Kinga Maria Baclaj ghamlet ir-rapport taghha ta' serq lill-Pulizija, u kopja ta' dan ir-rapport giet ezebita mill-Prosekuzzjoni fil-process, sfortunatament hija qatt ma telghet tixhed f'dawn il-proceduri ghaliex l-Ufficjal Prosekutur ghamel diversi verbali u anke xehed fis-sens li din l-allegata vittma kienet biddlet l-indirizz, kienet biddlet in-numru tal-mobile u ma kienx jaf jekk ghadhiex tuza l-istess isem hawn Malta, ghax kellha proceduri kriminali kontriha.[1]

Fix-xhieda tieghu, l-imputat cahad dak kollu li qal fl-istqarrija – li fi kwalunkwe kaz ghar-raguni fuq imsemmija, din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghha – u nsista li hu kien innocenti tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

[1] Ara xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Jesmond Micallef a fol. 26 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li l-unika prova kontra l-imputat hu dak li hu qal fl-istqarrija, u dan gie ammess ukoll mill-Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni orali. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din l-istqarrija, u la darba l-Prosekuzzjoni *ex admissis* m'ghandhix provi ohra kontra l-imputat, l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat ma gietx ippruvata skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u qed tilliberah minnha.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**